MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 787/2014

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**
**C 8692**

**Vs**

**Jonathan Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Dicembru, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi Jonathan Calleja kien impjegat tas-socjeta' attrici b'dan li hu telaq l-impjieg fl-(4) erbgha ta' April (2013) elfejn u tlettax.

Illi hu debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' sitt mija wiehed u erbghin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€641.71) rapprezentanti in kwantu ghal;

i. Mitejn u disa' ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€209.26) salarju imhallas zejjed u mhux dovut;

ii. Mitejn u erbgha u ghoxrin ewro (€224) mizati u uzu tal-mobile tal-kumpanija attrici li kien fil-pusses tal-konvenut u li baqa' juzah anki wara li ntemm l-impjieg tieghu;
iii. Mitejn u tmien ewro u hamsa u erbghin centezmu (€208.45) valur ta' tahrig moghti lill-intimat a spejjes tas-socjeta' attrici ai termini ta' ftehim hawn anness bhala dok AMSM 001.

Illi ghalkemm interpellat permezz tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Awissu, 2014 hu baqa' inadempjanti (Dok AMSM 002 anness);

Ghalhekk is-socjeta' attrici qieghda titlob illi l-intimat ihallas l-ammont ta' sitt mija wiehed u erbghin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€641.71), bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficjali, sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali

Il-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqasipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Thea Saliba ghas-socjeta' attrici li fis-27 ta' Jannar, 2015 in ezami ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' sitt mija wiehed u erbghin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€641.71) bl-imghax legali sa mit28 ta' Awissu, 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza u inluzi dawk tal-ittra ufficjali jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------